KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 48

It-tmienja u għoxrin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | *Lisa Cassar Shaw* | *Kunsillier* |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Proġetti dwar Traffic Management/on street parking*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 47_28/10/2015.

1.2 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier P. Portelli ssekonda. Kien hemm approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

*Daħal il-Viċi Sindku għas-seduta 6.17pm*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 B'referenza għal punt 2.1 ta' l-aħħar seduta l-Kunsill ġie infurmat li l-kumitat għandu jerġa jfakkar lil ELC għat-tibdiliet li kellhom li jsiru. Manutenzjoni ta' *soft areas*

2.2 Dwar punt 2.3 ta' l-aħħar seduta, is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera jekk għandhomx ismijiet ta' persuni li jistgħu ikunu *street leaders* għal *monitoring* dwar il-knis, jagħmlu dan mill-aktar fis għaliex hemm bzonn li tingħata spinta sabiex ikun hemm aktar kontrol. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-*contracts manager* fuq suġġeriment tal-Kunsillier J Pillow qiegħed jagħmel kuntatt lura mar-resident li jkun għamel ir-rapport dwar it-tindif tat-toroq. *Street leaders - Knis*

2.3 Dwar is-sistema ta' *datatrak* għal *monitoring* tal-knis il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill jista japplika għal fondi tal-EU dwar proġetti relatati mal-IT u dan jista jsir sa April 2015. Kien hemm qbil dwar dan u s-Segretarju Ezekuttiv qal li sadanittant ikun jista jitlob għal stima. *Sistema ta' datatrak għal knis*

2.4 Dwar l-*ECO Wardens* is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-LESA u wegħdu li malli jkollhom *ECO wardens* Tas-Sliema se tkun minn tal-bidu li jibgħatu. *ECO Wardens*

2.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret dwar il-problema tal-iskips tal-*catering establishments*. Il-laqgħa għad trid issir. *Skips- catering establishments*

2.6 Il-Kunsillier J. Pillow xtaq jiċċara min hu responsabbli li jnaddaf iċ-*centre strip* ta' matul ix-Xatt/Tigne jekk hux CSD jew il-kuntratturi tagħna. *Tindif ta' Centre strip*